MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR GHAWDEX

## GUDIKATUR DR. MERCIECA GRAZIO

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 111/2002

**Giovann u Jennifer konjugi Cini**

**vs**

**Anthony u Mary Rose konjugi Farrugia**

It-Tribunal;

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

“Peress illi l-atturi ghandhom jiehdu dan l-ammont bhala imghax ikkalkolati bir-rata tat-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Awissu 1996 sad-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fl-ismijiet: “Giovann u Jennifer konjugi Cini vs Anthony u Mary Rose konjugi Farrugia” (Citaz. Nru: 41/97 G1 (PC) ) u cioe’ sal-15 ta’ Frar 2002 fuq is-sorte ta’ elf u ghaxar liri (Lm1,010) li l-konvenuti gew ikkundannati jhallsu in forza tal-istess sentenza, liema imghaxijiet bi svista l-istess Onorabbli Qorti naqset li tikkundanna lill-konvenuti biex ihallsu.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja tal-11 ta' Lulju 2002 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni. Bl-imghaxijiet skond il-ligi."

Ra r-risposta li permezz taghha l-konvenuti eccepew il-*res iudicata;*

Ra l-atti tal-kawza;

Ikkunsidra;

Illi jirrizulta dak li qieghdin jippremettu l-atturi u cioe' illi ghalkemm fl-avviz numru 41/1997 G1- PC l-istess atturi talbu l-imghaxijiet, dawn ma nghatawx, evidentement bi svista, fis-sentenza tal-15 ta' Frar 2002.

Illi artiklu 235 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jghid hekk:

*Meta l-qorti ta' l-ewwel grad thalli barra fid-decizjoni wahda mit-talbiet proposti, ma jinghatax appell ab omissa decisione:*

*Izda, kull wahda mill-partijiet tista', fiz-zmien ta' hmistax-il jum minn dak in-nhar tas-sentenza, bil-mezz ta' rikors, titlob lill-qorti ta' l-ewwel grad li taqta' dik it-talba; u fuq dan ir-rikors, wara li l-partijiet jigu mharrkin mill-gdid, il-qorti tiddeciedi fuq dik it-talba; f'dan il-kaz, iz-zmien ghall-appell mis-sentenza kollha, jew minn kull parti minnha, jibda jghodd minn dak in-nhar ta' l-ahhar decizjoni:*

*Izda, ukoll, kull wahda mill-partijiet tista', f'kull zmien li jkun, titlob quddiem il-qorti ta' l-ewwel grad, bil-mezz ta' citazzjoni, id-decizjoni tat-talba li ma gietx deciza.*

Ghalhekk il-ligi nnifisha taghmilha cara illi ghalkemm ma hemmx jedd ghal appell *ab omissa decisione* b'danakollu l-parti leza xorta wahda jibqalha l-jedd li titlob lil qorti tal-ewwel grad, u dan f'kull zmien li jkun, bil-mezz ta' citazzjoni, id-decizjoni tat-talba li ma tkunx giet deciza.

Din id-disposizzjoni tal-ligi ghandha tinqara flimkien mad-disposizzjonijiet ta' Kapitlu 380 li ssostitwixxa t-Tribunal ghal Talbiet Zghar ghall-qorti  ordinarja ghal dak li jirrigwarda t-talbiet kollha ta' flus ta' ammont ta' mhux izjed minn elf u hames mitt lira u ghalhekk tali talba illum tista' ssir ukoll quddiem dan it-Tribunal meta l-materja taqa' taht il-kompetenza tieghu.

Illi fil-kawza *Frans Sammut vs Paul Caruana* il-Qorti tal-Magistrati  kkundannat il-konvenut ghar-responsabilita' izda ma llikwidatx id-danni.  Gie ntavolat avviz gdid fejn intalbet il-likwidazzjoni tad-danni u l-kundanna ghall-hlas tad-danni.  Inghatat l-eccezzjoni tar-*res judicata* u l-Qorti tal-Appell, Sede Inferjuri, ippreseduta mill-Imhallef Joseph Said Pullicino, fis-sentenza fil-kawza fl-istess ismijiet moghtija fid-9 ta' Mejju 1997 ikkonfermat is-sentenza tal-ewwel qorti li cahdet din l-eccezzjoni.  Il-Qorti tal-appell qalet li l-eccezzjoni tar-*res judicata* ma tistax tigi bbazata fuq is-silenzju tal-gudikat fuq talba li tkun saret lill-qorti u fil-kaz ta' dubbju dwar jekk talba gietx deciza jew le, l-eccezzjoni tar-*res judicata* ghandha tigi michuda.

Illi l-konvenuti ghalkemm gew debitament notifikati u intavolaw, kif fuq inghad ir-risposta taghhom, b'danakollu ma dehru ghall-ebda wahda mis-seduti mizmuma cioe' dawk tal-24 ta' Ottubru 2002, tal-5 ta' Novembru 2002, tal-14 ta' Novembru 2002 u dik tallum.

Ghaldaqstant, it-Tribunal jirrigetta l-eccezzjoni tar-*res judicata* u, peress illi t-talba attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li t-Tribunal ra l-artiklu 13(b) tal-Att V tal-1995, huwa jilqa' t-talba tal-atturi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti ghall-hlas ta' LM445 ammont ta' mghaxijiet legali mid-data tal-ittra ufficcjali tal-14 t'Awwissu 1996 sad-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fuq imsemmija u  salvi mghaxijiet legali ulterjuri sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez  a kariku tal-konvenuti.

(ft)  Grazio Mercieca

Gudikatur
(ft) Mary Jane Attard
Deputat Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur